MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 461/2003

**Bonalco Aluminium Limited**

**vs**

**John Peresso**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u tnax –il centezmu, (LM1,853.12,0), rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal bejgh u konsenja ta' oggetti;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Mejju tas-sena 2003, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 ta' Dicembru tas-sena 2007 li permezz taghha l-konvent eccepixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur;

2. Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) (b) tal-Kapitolu 16;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu l-eccipjent mhux debitur ta' l-attur ghal kwalsiasi prezz kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat l-affidavitijiet ipprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu allegat mis-socjeta' attrici li l-konvenut personalment kien ilu jixtri materjal ta' aluminium u accessorji ohra inghand is-socjeta' attrici;

2. Illi l-ammont indikat fl-avviz hu dak allegatament dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici;

3. Illi l-konvenut jichad li qatt innegozja fil-kapacita' tieghu pesonali mas-socjeta' attrici;

4. Illi jsostni li minflok hu kien jinnegozja maghha tramite kumpanija bl-isem ta' "John Peresso Aluminium Limited", liema intrapriza llum stante li waqfet topera definittivament fis-sena 2003, izda ma gietx xolta;

5. Illi di piu', l-istess konvenut isostni li qabel ma giet intavolata din il-procedura partikolari hu qatt ma rceva l-ebda att gudizzjarju mis-socjeta' attrici rigward il-meritu minnha hawn vantat;

6. Illi ghalkemm xi pagamenti gew regolarment imhallsa lis-socjeta' attrici mill-konvenut personalment, dan bl-ebda mod ma jbiddel in-natura tal-persuna li dahlet fin-negozju mas-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u tirrespingi t-talbiet hemm kontenuti bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------